**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Sebgha u Tletin (37)**

**4 ta' Awwissu 2021**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fis-6.00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru, Xagħra Għawdex.

**PREŻENTI:**

Dr. Christian Zammit – Sindku
Aaron Agius – Viċi Sindku
Stefan Bajada – Kunsillier
Victor John Curmi - Kunsillier
Anthony Attard – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

n/a

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dr. Christian Zammit ippresieda l-laqgħa.

**37.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

37.1.1 Ma ġewx ippreżentati ittri ta' apoloġija mill-Kunsilliera għal din il-laqgħa.

**37.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tas-7 ta' Lulju 2021**

37.2.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa numru 36 li saret nhar l-Erbgħa 7 ta' Lulju 2021.

**37.3 Approvazzjoni tal-*audited financial statements* tal-Kunsill ghas-sena 2020**

37.3.1 Il-Kunsill approva unanimament l-*audited financial statements* għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Dicembru 2020. Dan id-dokument ser jintbaghat lill-Ufficcju Nazzjonali tal-Verifika (NAO) u lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif jistipulaw ir-Regolamenti Finanzjarji tal-Kunsilli Lokali.

**37.4 Komunikazzjonijiet tas-Sindku**

37.4.1 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li bħalissa jinsab għaddej ix-xogħol ta' rikostruzzjoni tat-tielet parti ta' Triq Marsalforn. Dan ix-xogħol qed ikun iffinazjat mill-Ministeru għal Għawdex filwaqt li x-xogħol tal-bdil tal-*main* tad-drenaġġ u s-servizzi tal-ilma f'din it-triq qed ikun iffinanzjat mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

Is-Sindku Dr. Christian Zammit qal li jinsab infurmat li kien hemm numru ta' residenti fi Triq Marsalforn li kienu qed jikkunsidraw li jipprezentaw ittra gudizzjali fil-konfront tal-Kunsill u tal-kuntrattur minhabba d-dewmien esagerat fl-implimentazzjoni ta' dan il-progett.

In vizta ta' din is-sitwazzjoni, is-Sindku qal li fl-ahhar jiem huwa kellu kuntatt mal-kuntrattur responsabbli minn dan ix-xoghlijiet u l-kuntrattur weghdu li ser jirriloka grupp ta' haddiema li jinsabu jahdmu fuq progett iehor f'Ghawdex sabiex ikun jista' jaghti spinta lill-progett fi Triq Marsalforn.

F'dan il-hin, is-Sindku irringrazzja lid-Dipartiment tal-Indafa Pubblika fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex li gentilment ipprovda *street sweeper* f'zewg okkazjonijiet separati sabiex it-triq tnaddfet temporanjament mit-trabijiet li ngemghu matul dan ix-xoghol.

37.4.2 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li fir-rigward tal-progett tal-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid għal-lokalita' tagħna, qed nistennew il-permessi meħtieġa min-naħa tal-Awtorita' tal-Ippjanar.

Is-Sindku qal li fis-seduta tat-Tlieta 27 ta' Lulju 2021, l-Awtorita' tal-Ippjanar iddecidiet li ghandha titlob lill-Kunsill Lokali tax-Xaghra sabiex jirrevedi r-*roof structure* tal-binja proposta, sabiex din tkun konformi mal-i*streetscape* ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru. Prattikament, l-Awtorita' tal-Ippjanar tixtieq li jigi mitigat l-effett tal-kaxxa tat-tarag ghal fuq kif tidher mit-triq. Din l-emenda trid tiddahhal sa mhux aktar tard minn nhar it-Tlieta 10 ta' Awwissu 2021 u l-applikazzjoni taghna ser terga' tinstema' f'seduta *online* li ser tinzamm nhar il-Gimgha 3 ta' Settembru 2021.

Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li hu qed jittama li din l-applikazzjoni taghna tigi deciza dakinhar stess sabiex eventwalment, kif jinhareg il-permess, inkunu nistghu niffirmaw il-kuntratt tal-finanzjament ghal dan il-progett u nipprocedu bil-pubblikazzjoni tat-*tenders* relevanti.

37.4.3 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li skont dak li ġie deċiż fil-laqgħa b'urġenza numru 32 tal-Ġimgħa 21 ta' Mejju, ingħata bidu għall-

proċess ta' ingaġġ ta' impjieg ġdid mal-Kunsill fi skala 13 wara r-riżenja tas-Sinjura Manolita Manicaro minn Uffiċjal Eżekuttiv. Dan qed isir wara li nġabet l-approvazzjoni neċessarja min-naħa tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Is-Segretarju Ezekuttiv Ivan Attard innota li din is-sejha issa nharget min-naha tal-*JobsPlus* u fir-rigward ta' dawk li qed jirregistraw fuq *Part 1*, din taghlaq ghada l-Hamis 5 ta' Awwissu 2021. F'kaz li ma japplika hadd, din is-sejha issa tohrog ghal dawk li qed jirregistraw fuq *Part 2*.

37.4.4 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li l-kuntrattur Peter Paul Said ser jiltaqa' mal-Perit Edward Scerri nhar il-Gimgha 6 ta' Awwissu sabiex jigi diskuss ix-xoghol li ghandu jsir fi Triq Ghajn Wajtar. Kien hemm qbil li dan ix-xoghol isir matul ix-xahar ta' Settembru 2021.

37.4.5 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li l-kuntrattur Richard Cauchi ordna l-materjal kollu ghax-xoghol tal-provvista u installazzjoni tal-fanali l-godda fil-belvedere fil-bidu ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru u l-materjal huwa mistenni li jasal Malta fl-ewwel gimgha ta' Settembru.

Fir-rigward tal-livellar tal-*belvedere* tal-Qacca, il-Kunsill qabel li ghandna nibaghtu applikazzjoni ghall-finanzjament lill-Bord tal-Awtorita' tal-Ippjanar.

37.4.6 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li l-Ministeru tal-Ambjent talabna sabiex nippartecipaw fi progett pilota li ser jikkonsisti fl-installazzjoni ta' *smart bins* li jintuzaw mill-operaturi kummercjali li huma registrati fil-lokalita' taghna. Il-Ministeru qed jipproponi li jinhareg *tender* wiehed ghall-provvista u l-installazzjoni ta' dawn il-*bins* u li dan ikun kongunt bejn il-Kunsill Lokali tax-Xaghra u l-Kunsill Lokali tal-Munxar.

Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jinħareġ tender konġunt. Bħala sit, il-Kunsill iddeċieda li l-*area* tal-Qortin tkun adekwata madankollu ser nitolbu lill-Ministeru tal-Ambjent sabiex jagħmel spezzjoni taż-żona sabiex jassigura li din tkun adekwata għal dan il-proġett.

37.4.7 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li s-sitwazzjoni fi Triq il-Marga tinsab fi stat hazin hafna. Huwa qal li l-iskop tieghu hu li jintalbu fondi ghal din it-triq min-naha tal-Ministeru ghal Ghawdex. Dan wara li jigu assigurati l-fondi min-naha tal-Ministeru ghall-progett tac-Centru Civiku fil-lokalita' taghna.

37.4.8 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li qed jirċievi diversi ilmenti mis-sidien tar-ristoranti tal-pjazza li l-ġbir tal-iskart fil-pjazza qed isir għall-ħabta ta' nofsinhar. Peress li dan mhux ħin adekwat, il-Kunsill qabel li għandna ninfurmaw lill-kuntrattur sabiex possibilment iż-żibel jinġabar qabel dan il-ħin biex hekk jitnaqqas l-inkonvenjent.

37.4.9 Is-Sindku Dr. Christian Zammit propona u l-Kunsill qabel li għandhom jitwaħħlu żewġ tabelli *Road Slippery* fi Triq Marzjal sabiex jinfurmaw lir-residenti bl-istat attwali tat-triq.

**37.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

37.5.1 Il-Viċi Sindku Aaron Agius staqsa dwar fiex wasal ix-xogħol tal-qtugh tal-ħaxix u bużbież fit-toroq tax-Xagħra. Is-Sindku wieġeb li dan ix-xogħol qed isir mill-ħaddiema tal-CWSEF assenjati magħna.

37.5.2 Il-Viċi Sindku Aaron Agius propona u l-Kunsill qabel li mis-Sibt 4 sal-Erbgha 8 ta' Settembru, Pjazza l-Vitorja tinghalaq mis-7.30pm sas-2.00am ghat-traffiku kollu nkluż it-trasport pubbliku. Ghal dawk is-sighat, il-Kunsill qabel li Triq San Guzepp u l-parti ta' isfel ta' Triq Spiera tkun *no parking* mis-7.00pm sa nofs il-lejl. Il-Kunsill qabel li għandna ntellgħu tliet *enforcement officers* ta' Transport Malta sabiex jikkordinaw it-traffiku f'dawn il-ħinijiet.

37.5.3 Il-Kunsillier Stefan Bajada staqsa dwar possibilita' li jitħawlu siġar fl-*area* fil-limiti tar-Ramla l-Ħamra li nħakmet min-nirien fid-29 ta' Ġunju li għadda. Is-Sindku qal li din hija *area* privata u għaldaqstant ma jistax isir xogħol mill-Kunsill.

37.5.4 Il-Kunsillier Victor Curmi staqsa dwar il-ħtieġa li ssir numerazzjoni tas-sqaqien fi Triq 28 ta' April 1688 u Triq Ta' Ġorf. Dan minħabba li r-residenti f'dawn is-sqaqien qed isibu diffikulta' biex jaċċessaw ċertu servizzi mediċi bħall-ambulanza eċċ. Il-Kunsill qabel li għandna niktbu formalment lill-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq dwar din il-materja.

37.5.5 Il-Kunsillier Victor Curmi staqsa dwar il-ħtieġa li jsir xogħol ta' taħmil fil-Wied tal-Għejun (minn quddiem il-*bring-in-sites* tat-Tafla). Il-Kunsill qabel li għandna ninkarigaw lill-kuntrattur Mario Muscat għal dan ix-xogħol.

37.5.6 Il-Kunsillier Victor Curmi staqsa dwar meta ser isir ix-xogħol ta' siment fi sqaq fi Triq Mannar. Il-Kunsill qabel li għandna ninkarigaw kuntrattur privat għal dan ix-xogħol.

37.5.7 Il-Kunsillier Victor Curmi staqsa dwar il-ħtieġa li jsir xogħol ta' *patching* fil-bidu tal-isqaqien fi Triq it-28 ta' April 1688. Il-Kunsill qabel li għandna ninkarigaw lill-ħaddiema tal-CWSEF assenjati magħna sabiex jagħmlu dan ix-xogħol.

37.5.8 Il-Kunsillier Victor Curmi staqsa dwar il-ħtieġa li titwaħħal bozza ġdida fi sqaq fi Triq it-28 ta' April 1688. Il-Kunsill qabel li għandna nibagħtu talba għall-approvazzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta.

37.5.9 Il-Kunsillier Victor Curmi staqsa dwar il-ħtieġa li jitwaħħal *fluorescent light* fi Triq Kortoll fejn riċentament saret il-bankina ġdida min-naħa tal-Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsill aċċetta din it-talba.

37.5.10 Il-Kunsillier Anthony Attard propona u l-Kunsill qabel li għandna norganizzaw Quddiesa ta' suffraġju għal ruħ l-ex-Sindku Joseph Spiteri li għadda għall-ħajja ta' dejjem fl-10 ta' Lulju 2021.

**37.6 Qari tal-Korrispondenza**

37.6.1 E-mail mingħand il-Perit Godwin Sultana bi proposta għal xogħol ta' tisbieħ fi Triq Qasam ta' Dun Anton. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lis-Sur Sultana aktar dettalji dwar dan ix-xogħol.

37.5.2 Ċirkulari numru 067/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Online Seminar: Women in Local Government – Can Mentoring Make a Difference – 28 July and 29 July'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

37.5.3 Ċirkulari numru 4/2021 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Servizz tal-*internet* għall-*live streaming* tal-Laqgħat'. Il-Kunsill qabel li għandu juża s-servizz tal-*internet* provdut mill-MITA flimkien mal-i*switches* tagħhom kif rakkomandat mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

37.5.4 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'informazzjoni dwar tnedija ta' kompetizzjoni tat-tpinġija bit-tema 'Kwalita' tal-Ħajja'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

37.5.5 Ċirkulari numru 068/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'AKL Summer BBQ 06/08/2021'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

37.5.6 Ċirkulari numru 069/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'EMW – Small Activities Competition'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

37.5.7 E-mail mingħand l-Assoċjazzjoni tan-Naħħala f'Malta li fiha qed jikkjarifikaw li b'passaġġi rurali qed ifissru mogħdijiet fir-rural li jkollhom għelieqi u/jew irziezet mal-ġnub tagħhom. Il-Kunsill qabel li għandna naċċettaw il-ftehim kif propost minn din l-Assoċjazzjoni sakemm ma jinħoloqx periklu pubbliku.

37.5.8 E-mail mingħand George Refalo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, li fiha qed jitlob lill-Kunsilli Lokali ta' Għawdex sabiex iressqu proposti tagħhom għall-baġit 2022. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu żieda fl-allokazzjoni finanzjarja li tingħata għall-proġetti kapitali li jsiru mill-Kunsilli Lokali, b'mod partikolari r-rikostruzzjoni u l-asfaltar ta' toroq fil-lokalitajiet.

37.5.9 Ċirkulari numru 070/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Kwestjonarju – Proġett Compose +'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

37.5.10 Ċirkulari numru 071/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Teambuilding – AKL, Kunsilli Reġjonali, Kunsilli Lokali u Diviżjoni għall-Gvern Lokali'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

37.5.11 E-mail mingħand George Refalo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, li fiha qed jistieden lill-Kunsilliera sabiex jattendu għas-sessjoni plenarja tal-Kunsilliera li ser issir nhar l-Erbgħa 4 ta' Awwissu 2021 fis-6.00pm. Il-Kunsill innota l-kontenut.

37.5.12 Ċirkulari numru 072/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Stqarrija mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – Ħlas mir-residenti ġewwa l-uffiċini tal-Kunsilli Lokali'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

37.5.13 Ċirkulari numru 073/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Kuntratturi tal-ġbir tal-iskart u knis fil-lokalitajiet'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

37.5.14 E-mail mingħand Marc Mizzi, resident fi Triq l-Għejjun, li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex formalment joġġezzjona għall-applikazzjoni ta' żvilupp b'numru ta' riferenza PA/05138/21 għal xogħol fi Triq l-Għejjun, Xagħra. Il-Kunsill qabel li għandu joġġezzjona.

37.5.15 Direttiva numru 4/2021 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Proġetti ta' ICT fil-Kunsilli'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

37.5.16 Ċirkulari numru 5B/2021 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Politika għall-Gvern Lokali 2021'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

37.5.17 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'informazzjoni dwar opportunita' li qed tiġi offruta mill-Kunsill Malti tal-Arti lill-membri eletti u l-istaff tal-Kunsilli Lokali u Reġjonali madwar Malta u Għawdex sabiex iżuru Kunsilli Ewropej u jaraw l-inizjattivi li jieħdu huma fir-rigward ta' attivitajiet kulturali. Il-Kunsill qabel li għandna nuru l-interess tagħna.

37.5.18 Ittra ta' risposta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għaċ-Ċirkulari numru 5B/2021 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

37.5.19 Direttiva numru 5/2021 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Proċedura dwar sejħa għal Segretarju Eżekuttiv ma' Kunsill Lokali jew Reġjonali'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

37.5.20 Ittra mis-Sur Joseph Bajada, Segretarju tas-Socjeta' Filarmonika *Victory*, li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xaghra fl-organizazzjoni ta' Kuncert muzikali bhala parti mill-festa ta' Marija Bambina li ser isir nhar it-Tnejn 6 ta' Settembru 2021. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkollabora f'din l-inizjattiva bi spiza li ma teccedix is-somma ta' € 1200.

37.5.21 E-mail minghand Noel Vella, rapprezentant tal-Ghaqda tal-Armar 2 ta' Settembru 1973, li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xaghra fi hlas ta' ingenji biex tintrama Vjal it-Tmienja ta' Settembru ghall-festa ta' Marija Bambina ta' din is-sena. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkollabora f'din l-inizjattiva bi spiza li ma teccedix is-somma ta' € 700.

**37.7 Ilmenti mir-residenti**

37.7.1 Talba mingħand Victor Attard ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar fil-kantuniera bejn Triq San Ġużepp u Triq l-Ifran peress li qed jipparkjaw fil-kantuniera u ma tkunx tista' ddur b'vettura. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-konsiderazzjoni ta' Transport Malta.

37.6.2 Talba mingħand Eucharistica Vella ta' 117A, Triq Ta' Bullara, sabiex issir 1.5m *keep clear* quddiem ir-residenza tagħha peress li qed issib diffikulta' biex toħroġ ir-raġel tagħha mir-residenza tagħha peress li għandu problema ta' mobilita'. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-konsiderazzjoni ta' Transport Malta.

37.6.3 Talba mingħand Francis Mifsud ta' 'Ta' Rita', Triq Ta' Ġorf, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar madwar metru fuq kull naħa tal-garaxx tar-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-konsiderazzjoni ta' Transport Malta.

37.6.4 Talba mingħand Grezzju Caruana ta' 'Maria Bambina', Triq l-Għar ta' Xerri, sabiex (i) jitwalu s-sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar li saru riċentament maċ-ċint fi Triq Bullara peress li qed ikollu problema biex jikkwartja x-xarabanks minn Triq l-Għar ta' Xerri għal Triq Bullara u (ii) isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar quddiem il-*bus stop* li tinsab fi Triq l-Għar ta' Xerri. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu dawn it-talbiet għall-konsiderazzjoni ta' Transport Malta.

37.6.5 Talba mingħand Josef Aquilina ta' Triq Marija Bambina sabiex tiġi rilokata l-*bus stop* li hemm fi Triq Marija Bambina peress li qed toħloq inkonvenjent għar-residenti. Il-Kunsill ma qabilx ma' din it-talba pero' ser nipproponu li l-arblu li jindika din il-*bus stop* jitwaħħal mal-ħajt tal-faċċata tar-residenza biex hekk jitnaqqas il-periklu.

37.6.6 Talba mingħand Mary Bonnici ta' Triq Ta' Karkar sabiex issir bozza ġdida fi sqaq fl-istess triq. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta.

37.6.7 Talba mingħand Victor Attard ta' Triq it-28 ta' April 1688 sabiex din it-triq issir *one-way* għat-traffiku. Il-Kunsill innota li din il-materja ser tiġi indirizzata fix-xhur li ġejjin bħala parti mill-implimentazzjoni tal-*masterplan* li ġiet imħejjija mill-kumpanija EMDP.

37.6.8 Talba minghand Nazzarena Farrugia ta' 9, Triq Kortoll, sabiex issir tabella *No entry to heavy vehicles* fil-parti tat-triq quddiem ir-residenza taghhom. Transport Malta. Il-Kunsill ma qabilx ma' din it-talba pero' ser nitolbu li ssir bankina fil-kantuniera quddiem ir-residenza tal-familja Farrugia sabiex jitnaqqas l-inkonvenjent li qed jinħoloq hawnhekk.

37.6.9 Talba sabiex jitwahhlu *stickers* bil-kliem *Glass bottles are prohibited* fuq il-*bins* tal-Pjazza. Dan peress li hafna hwienet u negozji fil-pjazza qed

jitfghu l-fliexken tal-hgieg taghhom fil-*bins* ta' madwar il-pjazza. Il-Kunsill aċċetta din it-talba.

37.6.10 Talba mingħand Dr. Mark Sagona ta' 'Eve', Triq Knisja, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar madwar metru fuq kull naħa tal-garaxx tar-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-konsiderazzjoni ta' Transport Malta.

37.6.11 Talba mingħand Daniel Bartolo ta' 'Sardinella', Triq Ta' Vestru, sabiex issir *loading/unloading bay* quddiem ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-konsiderazzjoni ta' Transport Malta.

37.6.12 Talba mingħand Joseph Grech ta' 'Josman', Triq Ġnien Xibla, sabiex (a) titranġa qagħda tal-ilma fi Triq Ta' Ħamet u (ii) jinqata' l-qasab fi Triq Ta' Garaffa minħabba li qed jagħlaq it-triq. Il-Kunsill aċċetta dawn it-talbiet.

37.6.13 Talba minghand Mary Xerri ta' 134, Triq Ta' Bullara, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar fuq iż-żewġ nahat ta' Triq Bullara hekk kif iddur minn Triq l-Għar ta' Xerri. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu lill-uffiċjali ta' Transport Malta sabiex jitilgħu *on site* u jevalwaw is-sitwazzjoni f'din iż-żona sabiex tkun tista' tittieħed deċiżjoni dwarha.

37.6.14 Talba mingħand Abraham Said ta' 23, Triq Ta' Gajdoru, sabiex jiġu estiżi s-sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar li hemm quddiem ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-konsiderazzjoni ta' Transport Malta.

37.6.15 Talba mingħand Warren Curmi ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru sabiex titwaħħal mera ġdida faċċata tal-blokk *flats* fejn joqgħod hu. Il-Kunsill aċċetta din it-talba u ser ninkarigaw lill-kuntrattur Raphael Refalo għal dan ix-xogħol.

**37.8 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

37.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsilliera preżenti.

37.8.2 L-iskeda ta' pagamenti kif preżentata ġiet approvata unanimament.

**37.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

37.9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fit-8.00pm u ġiet aġġornata b'mod unanimu għal nhar l-Erbgħa 1 ta' Settembru 2021 fil-5.30pm b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

**Dr. Christian Zammit**
**Sindku**

**Ivan Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**